

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/666**tat-22 ta' April 2021****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 923/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-inġenji tal-ajru bi bdot abbord li joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 31 u 44 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 ⁽²⁾ jistabbilixxi r-regoli komuni tal-ajru u d-dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru applikabbli għat-traffiku tal-ajru ġenerali.
- (2) Sabiex l-inġenji tal-ajru bi bdot abbord li ma jkollhomx servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru jkunu jistgħu joperaw b'mod sikur flimkien ma' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord fl-ispazju tal-ajru tal-U-space, huwa importanti li l-pożizzjoni tal-inġenji tal-ajru bi bdot abbord tiġi kkomunikata lill-fornituri tas-servizzi tal-U-space. Dan jenħtieġ li jinkiseb billi l-inġenji tal-ajru bi bdot abbord ikunu kospikwi elettronikament, billi jissinjallaw il-preżenza tagħhom b'mod effettiv permezz tat-teknoloġiji ta' sorveljanza.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 jenħtieġ li jinkludi tali rekwiżiti għall-inġenji tal-ajru bi bdot abbord li joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space.
- (4) Tali rekwiżiti ġodda jenħtieġ li jtejbju s-sikurezza billi jsaħħu l-għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju tal-ajru tal-U-space.
- (5) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati affettwati jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw il-proċeduri tagħhom għall-qafas regolatorju l-ġdid.
- (6) L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea pproponiet miżuri fl-Opinjoni Nru 1/2020 ⁽³⁾ tagħha f'konformità mal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.
- (7) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 923/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) il-punti (146) u (147) li ġejjin jiżdiedu fl-Artikolu 2:

⁽¹⁾ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jstabbilixxi regoli komuni tal-ajru u d-dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010, ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1.

⁽³⁾ <https://www.easa.europa.eu/document-library/opinions>

- “(146) “spazju tal-ajru tal-U-space” tfisser żona ġeografika tal-UAS iddeżinjata mill-Istati Membri, fejn l-operazzjonijiet tal-UAS jitħallew isiru biss bl-appoġġ ta’ servizzi tal-U-space;
- (147) “servizz tal-U-space” tfisser servizz li jiddependi fuq is-servizzi diġitali u l-awtomatizzazzjoni tal-funzjonijiet iddisinjati biex jappoġġaw l-aċċess sikur, effiċjenti u sigur għall-ispazju tal-ajru tal-U-space għal għadd kbir ta’ UAS.”;

(2) il-punt SERA.6005 fit-Taqsima 6 tal-Anness huwa sostitwit b’dan li ġej:

“SERA.6005 Rekwiżiti għall-komunikazzjonijiet, għat-transponder SSR u għall-kospikwità elettronika fl-ispazju tal-ajru tal-U-space

(a) Żona obbligatorja għar-radju (RMZ)

- (1) It-titjiriet VFR li joperaw f’partijiet mill-ispazju tal-ajru tal-Klassijiet E, F jew G u t-titjiriet IFR li joperaw f’partijiet mill-ispazju tal-ajru tal-Klassijiet F jew G iddeżinjati bħala żona obbligatorja għar-radju (RMZ) mill-awtorità kompetenti għandhom iżommu għassa ta’ komunikazzjoni kontinwa bil-vuċi mill-ajru għall-art u għandhom jistabbilixxu komunikazzjoni bidirezzjonali, kif ikun meħtieġ, fuq il-kanal ta’ komunikazzjoni xieraq, sakemm ma jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet alternattivi preskritti għal dak l-ispazju tal-ajru partikolari mill-ANSP.
- (2) Qabel ma jidħlu f’żona obbligatorja għar-radju, il-bdoti għandhom jagħmlu sejħa inizzjali fuq il-kanal ta’ komunikazzjoni xieraq li tkun tinkludi d-deżinjazzjoni tal-istazzjon imsejjaħ, is-sinjali tas-sejħa, it-tip ta’ inġenju tal-ajru, il-pożizzjoni, il-livell, l-intenzjonijiet tat-titjira u informazzjoni oħra kif ikun preskritti mill-awtorità kompetenti.

(b) Żona obbligatorja għat-transponder (TMZ)

It-titjiriet kollha li joperaw fi spazju tal-ajru ddeżinjat mill-awtorità kompetenti bħala żona obbligatorja għat-transponder (TMZ) għandhom iġorru u joperaw transponders SSR li jistgħu joperaw fuq il-Modalitajiet A u C jew fuq il-Modalità S, sakemm ma jkunux konformi ma’ dispożizzjonijiet alternattivi preskritti għal dak l-ispazju tal-ajru partikolari mill-ANSP.

(c) Spazju tal-ajru tal-U-space

L-inġenji tal-ajru bi bdot abbord li joperaw fl-ispazju tal-ajru ddeżinjat mill-awtorità kompetenti bħala spazju tal-ajru tal-U-space, u li ma jkollhomx servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru mill-ANSP, għandhom ikunu kospikwi elettronicament b’mod kontinwu biex ikunu viżibbli għall-fornituri tas-servizzi tal-U-space.

(d) L-ispazji tal-ajru ddeżinjati bħala żona obbligatorja għar-radju, bħala żona obbligatorja għat-transponder jew bħala spazju tal-ajru tal-U-space għandhom jiġu ppromulgati b’mod xieraq fil-pubblikazzjonijiet ta’ informazzjoni ajrunawtika.”

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mis-26 ta’ Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta’ April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN